Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 205/2010

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Omar Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omar Psaila ta' 27 sena iben Joseph u Spiridiona nee' Mifsud, mwieled Pieta fit-23 ta' Ffrar 1981 u residenti 30, Johanna, Triq ta' l-Awrora, Mosta, ID 225881 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Wara li rat il-verbal fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2011 fejn Dottor Jose Herrera ghall-imputat vverbalizza illi *‘Dr Jose Herrera stanta li jirrizulta li l-unika prova li f’dan il-process*

*hija l-istqarrija tal-imputat, jitlob referenza kostituzzjonali stante li jirrizulta li l-mod kif ttiehdet l-istqarrija ossia minghajr id-dritt li jikkonsulta ma avukat, jikkomprometti a priori l-process kriminali tieghu u jilmenta li gew lesi d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement jitlob li l-process jigi rimess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi determinata din il-vertenza u jekk ikun il-kaz jinghata rimedju opportun."*

Wara li rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 20 tal-process.

Wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 2012, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati, dina l-Qorti cahdet it-talba ghar-referenza kostituzzjonali, u irriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputata: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *fuq citat u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni qieghda tallega li fit-3 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel, l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina u eroina.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, gie verbalizzat li *"Il-partijiet jaqblu li l-imputazzjonijiet huma bbazati esklussivament fuq l-istqarrija tal-imputat."* Ghall-precizjoni jinghad li fl-istqarija l-imputat cahad li kellu fil-

pussess tieghu dawn id-drogi, ghalkemm fix-xhieda taghhom, l-Ispettur u ufficjali ohra tal-pulizija allegaw li fl-ewwel ‘interview’ ma l-ispettur, l-imputat kien ammetta li kellu fil-pussess tieghu dawn id-drogi bejn 2008 u 2009.

Pero din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-Ligi Maltija ma kinitx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement, din l-istqarrija ma jista jkollha ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri kriminali, ghaliex ttiehdet bi skur tad-dritt ta’ smiegh xieraq tal-imputat kif interpretat mill-Kostituzzjoni u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata.

L-istess ragunament japplika wkoll ghal dak kollu li allegatament qal l-imputat lill-ispettur qabel l-istqarrija ttiehdet bil-miktub u ghall-istess ragunijiet, ix-xhieda ta’ l-ispettur Dennis Theuma, ta’ WPS 120 Caroline Marmara u PC 1250 Paul Saliba f’dan il-punt qed tigi skartata.

Ma hemmx provi ohra kontra l-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------